31990R3882

L 367/127 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 29.12.1990

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3882/90
tad-19 ta' Diċembru, 1990
li jistabbilixxi regoli dettaljati għas-sorveljanza tal-prezzijiet għall-importazzjoni ta' ħrief

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3013/89 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-muntun [1] u tal-laħam tal-mogħża, u b'mod partikolari l-Artikoli 11(5) u 12 (5) u 28 tiegħu,

Billi d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill Nri 89/572/KEE [2], 89/673/KEE [3], 90/114/KEE [4] u 90/173/KEE [5] jipprovdu li l-ftehim bejn il-Komunità u xi pajjiżi terzi dwar kontrolli volontarji jkunu adattati temporanjament biex jiddaħħal mekkaniżmu ta' sorveljanza ta' prezzijiet;

Billi jixraq li jkun hemm sorveljanza fuq firxa wiesgħa ta' prezzijiet għal prodotti importati; billi Stati Membri għandhom jgħarrfu malajr lill-Kummissjoni dwar prezzijiet sorveljati;

Billi l-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija dwar Nagħaġ u Mogħoż,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Stati Membri għandhom, fil-15-il jum ta' kull xahar, jibgħatu avviż lill-Kummissjoni, għal kull pajjiż ta' oriġini li mhux membru, bil-"prezz ta' offerta liberu fil-fruntiera" jew bil-"valur ta' prezz, assigurazzjoni, trasport (cif)", u dwar kemm kienu impurtati annimali ħajjin u laħam tal-muntun reġistrati kull xaħar qabel d-data ta' dak l-avviż u li jidhru fil-kodiċijiet CN 0104 10 90, 0204 10 00, 0204 22 10, 0204 22 30, 0204 22 50, 0204 22 90, 0204 23 00, 0204 30 00, 0204 42 10, 0204 42 30, 0204 42 50, 0204 42 90, 0204 43 00.

2. Stati Membri għandhom ukoll jgħarrfu lill-Kummissjoni fil-15-il jum ta' kull xahar għal kull pajjiż ta' oriġini li mhux membru bil-prezz ta' ħrief ħajjin impurtati u bil-prezzijiet bl-ingrossa ta' prodotti li ġejjin ta' ħaruf impurtat li jkunu rapportati lilhom minn negozjanti jew osservaturi kompetenti oħra tas-suq għaxxahar ta' qabel, li juru kemm l-importanza tagħhom f'termini ta' volum, kif ukoll l-istadju preċiż tal-formazzjoni tal-prezz relattiv; karkassi u nofs karkassi ta' ħrief, friski jew imkessħa; kwarti qosra ta' quddiem tal-ħaruf, friski jew imkessħa; qatgħat laħam taddaħar u/jew l-aħjar trufijiet tal-ħaruf, friski jew imkessħa; saqajn tal-ħaruf, friski jew imkessħa; qatgħat oħra tal-ħaruf, friski jew imkessħa; qatgħat bla għadam tal-ħaruf, friski jew imkessħa; karkassi jew nofs karkassi tal-ħaruf, iffriżati; kwarti ta' quddiem tal-ħaruf, iffriżati; qatgħat laħam tad-dahar u/jew l-aħjar trufijiet tal-ħaruf, iffriżati; saqajn tal-ħaruf, iffriżati; qatgħat oħra tal-ħaruf, iffriżati; qatgħat bla għadam tal-ħaruf, iffriżati.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara li jkun ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar, 1991.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Diċembru, 1990.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

(1) ĠU L 289, tas-7.10.1989, p. 1.
(2) ĠU L 318, tal-31.10.1989, p. 13.
(3) ĠU L 396, tat-30.12.1989, p. 17.
(4) ĠU L 69, tas-16.3.1990, p. 61.
(5) ĠU L 95, tat-12.4.1990, p. 1.